MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2010

Numru. 37/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Paul Michael Kavanagh**

Kumpilazzjoni Numru 37/2010

**Illum 20 ta’ Dicembru 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Paul Michael Kavanagh, ta’ 31 sena, bin David Leslie Paul u Pauline nee’ Zammit, imwieled Ingilterra nhar it-18 ta’ Jannar, 1978 u li joqghod fil-fond nru 28, Flat 1,Triq Dun Gwann Theuma, Attard u detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 78301(L)

Akkuzat talli fl-14 ta’ Dicembru, 2009 ghall-habta tas-6.50pm, gewwa l-istabbiliment Classic Jewellers fi Triq San Gorg, San Giljan flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommetta serq ta’ flus u gojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro u sebghin w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu tas-socjeta Classic Group Ltd u/jew entitajiet u/jew persuni ohra;

2. Aktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Noella Xuereb kontra l-volonta’ taghha;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’ arma tan-nar jew imitazzjoni t’ arma regolari;

4. Ukoll talli bejn l-14 u l-15 t’ Awwissu, 2006, minn Triq Birkirkara, San Gwann ikkommetta serq ta’ mutur tal-marka Honda 250, numru tar-registrazzjoni FAN673, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa’ w ghoxrin Euro  sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Joseph Xuereb u/jew ta’ persuna/I u/jew entitajiet ohra;

5. Ukoll talli fl-14 ta’ Dicembru, 2009, u/jew fix-xhur ta’ qabel, minn Triq l-Imsierah, San Gwann ikkommetta serq ta’ tarka tar-registrazzjoni FAP052, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa;

6. Iktar talli minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija u/jew ta’ xi awtorita ohra, b’ xi mod li jkun, bghabas, nehha, biddel jew ghamel numru t’ identifikazzjoni ta’ chassis jew makna ta’, jew fuq, vettura

bil-mutur, cioe' mutur Honda 250 li kellu n-numru tar-registrazzjoni FAN673;

7. Ukoll talli kiser il-provvediment ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza datata 27 ta' Gunju, 2005 fejn l-istess Paul Michael Kavanagh kien misjub hati ta' pussess ta' sustanza minghajr awtorizzazzjoni u kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

8. Akkuzat ukoll, talli fl-14 ta' Dicembru, 2008, u/jew fix-xhur ta' qabel u kif ukoll wara din id-data, f' dawn il-Gzejjer, zamm f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghi jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

9. Akkuzat ukoll talli kkommetta diversi reati li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-Artiklu 28A ta' l-Artiklu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 24 ta' Novembru, 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel; u

10. Finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat n-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 261, 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 275, 276, 277, 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 86, 87(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 261, 263, 267, 270, 271(g), 279(b) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) 298D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) 7 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
h) 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

i) 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
k) 17, 31 u 33 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jig trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jikkoncernaw hold-up li sehhet f'l-14 ta' Dicembru 2009 fil-fond Classic Jewellers f'San Giljan.

Illi tul dawn il-proceduri tressqu diversi provi u mill-provi prodotti jirrizultaw ampjament certu fatti. M'hemm l-ebda dubbju li fil-guranta in ezami persuna armata dahlet fil-hanut Classic Jewellers f'San Giljan fil-waqt li persuna ohra baqat immedjatament barra l-hanut fuq mutur bil-magna mixghula. Il-persuna li dahlet fil-hanut kienet ragel, irqieq u twiel b'ghajnejh cari; hu kien liebes crash helmet. Dan ir-ragel gieghel lis-salesgirl li kien hemm fil-hanut taghtih diversi affarijiet konsistenti f'deheb u hagar prezjuz li kien hemm fis-safe u anke fil-vetrina kif ukoll xi flus kontanti, pogga kollox f'basket u hareg mill-hanut. Hekk kif hareg ghadda minn hdejn zewg persuni (zewg irgiel Taljani li kienu ghadhom kif hargu mill-hanut biswit il-Classic Jewellers) waqqa' xi gojjelli mill-basket, riekeb il-mutur u flimkien mal-persuna li kienet baqghet fuq il-mutur telqu 'l hemm. Il-mutur li intuza f''din il-hold-up irrizulta li kien ilu misruq mill-14 ta' Awissu 2006; meta nstab dan il-mutur (dak in-nhar stess tal-hold-up) kellu chassis number imbaghbas u ma kellux il-pjanca li turi n-numru ta' registrazzjoni tieghu imma pjanca li kienet misruqa minn-mutur iehor li naturalment kienet turi numru ta' registrazzjoni differenti minn dak tal-mutur li ntuza fil-hold-up. Fil-11 ta' Jannar 2010 mbaghad diversi ufficjali tal-Pulizija intercettaw lill-imputat flimkien ma' certu Lorita Pace, f' vettura li kienet mikrija lill-istess Lorita Pace, u

f'din il-vettura instabu diversi bicciet (items) mill-gojjelli li kienu misruqa fil-hold-up ta'l-14 ta' Dicembru 2009.

Illi fil-fatt l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat kemm fic-citazzjoni kif ukoll fin-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali jirriflettu reati li jirrizultaw f'dan il-kwadru ta' fatti u cioe dawk ta' serq aggravat (tal-gojjelli, tal-mutur u tal-pjanci tat-tieni mutur), sekwestru ta' persuna, bdiel ta' chassis number, u pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja; hemm migjuba kontra l-imputat imputazzjonijiet ohra konsegwenzjali bhal m'huma ksur ta' probation u ta' sentenza sospieza, u recidieva.

Illi la darba ir-reati principali u li jinkadraw ruhhom f'l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirrizultaw, il-kwistjoni li ghandha tigi rizolta issa hija jekk il-dawn ir-reati fil-fatt gew kommessi mill-imputat; u hija hawn li l-Qorti ghandha l-akbar diffikolta.

Illi l-unika prova diretta li ngiebet li tinvolvi lill-imputat tirreferi ghall-fatt li huwa jinstab fil-pussess ta' parti mir-res furitva. Fil-fatt hafna mix-xhieda prodotti[1] (pulizija) jaghtu depozizzjoni dettaljata ta' x'gara u kull wiehed minnhom x'ghamel meta gie intercettat l-imputat u saret it-tfixxija fil-vettura. Ix-xhieda l-ohra kienu l-esperti nominati f'l-atti ta' l-inkjesta, is-salesgirl u z-zewg Taljani, kif ukoll id-derubati; hadd minn dawn ta'l-ahhar isemmi lill-imputat jew b'xi mod jimplika lill-imputat fil-fatti relevanti. L-imputat min-naha tieghu mhux biss irrilaxxja stqarrija imma anke xehed quddiem din il-Qorti.

Illi ghandu jigi rilevat immedjatament li l-imputat assolutament mhux kredibbli u b'l-ebda mod ma kkonvinca lill-Qorti b'dak li qal dwar kif dawk l-oggetti gew fil-pussess tieghu u li hu ma kienx jaf li dawn kienu oggetti misruqa. Pero l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ma jikkoncernawx ir-ricettazzjoni ta'l-oggetti misruqa imma (inter alia) is-serq taghhom. In oltre hija l-prosekuzzjoni bil-provi li ggib li trid turi 'l hemm minn kull

[1] Naturalment minbarra l-esperti nominati f'l-atti ta' l-inkjesta relattiva ghall-hold-up.

dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta r-reati lilu addebietati.

Illi kif intqal f'dawn il-proceduri provi tressqu diversi pero xejn li jorbot b'mod inkonfutabbli lill-imputat mar-reati lilu addebietati. Il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet taghha ghamlet referenza ghal xi provi indizjarji u li f'l-opinjoni taghha jistghu jorbtu lill-imputat mar-reati de quo; b'mod partikolari ghamlet referenza ghall-istills mehuda mir-recording tac-CCTV u r-recording inniffsu, ghad-deskrizzjoni li taw kemm s-salesgirl u z-zewg Taljani tal-persuna li wettqet il-hold-up, u ghall-attivita (insolita) fuq il-mobile ta'l-imputat dak in-nhar tal-hold-up.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-principji regolaturi fir-rigward ta' provi indizjarji huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizjarji, basta dawn ta' l-ahhar ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lill' hemm minn kull dubju ragonevoli mir-reita ta'l-imputat[2]. Fil-fatt il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda[3].

Illi dwar l-attivita fuq il-mobile li gie elevat mill-vettura fejn instab l-imputat, ghandu jigi rilevat li l-Qorti ma tikkondividiex l-opinjoni tal-prosekuzzjoni li fil-gurnata tal-hold-up kien hemm xi attivita partikolarment differenti (fuq il-mobile) minn granet ohrajn. Illi dwar l-istills dawn juru persuna twiela u rqieqa pero b'l-ebda mod ma jista' jinghad li l-persuna li tidher hemm hija propju l-imputat. Lanqas d-deskrizzjoni li taw is-salesgirl u z-zewg taljani (persuna twiela, rqieqa u ghajnejha cari) ma jista' jinghad li tipponta unikament lejn l-imputat.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont tal-kumpless tal-provi prodotti u tal-principji regolaturi dwar il-provi rikjesti ghal sejbien ta' htija, il-Qorti ma jidhrilix li dawn huma provi univoci u li jistghu jwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni, 'l

[2] Ref Pulizija vs Paul Grech (Appell Kriminali 06.04.2001); Pulizija vs James Abela (Appell Kriminali 11.07.2002)
[3] Ref Pulizija vs Carmelo Calleja (Appell Kriminali 07.05.2010)

hemm minn dubbju dettat mir-raguni, li kien propju l-imputat li wettaq ir-reati lilu addebietati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------